MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1312/1996/1

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Patricia Genovese, u b’ digriet tal-Qorti ta’ l-4 ta’ Marzu 1997, Noel Genovese gie kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta’ Frar, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih s-socjeta’ attrici tablet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundanata li thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm721) dovuta fuq prezz ta’ merkanzija mibjugha lilha u debitament ikkonsenjata.

Bl-ispejjes u l-interessi legali.

Rat in-nota ta’ l-eccezjonijiet tal-konvenuta (fol 7 ibid) u li biha eccepixiet bir-rispett :-

Illi l-esponenti li hija mara mizzewga lil Noel Genovese, m’ghandha tati xejn lill-attur stante li hija mhix il-persuna li f’isimha kien licenzjat l-Frans & Julia Supermarket jew F&S Supermarket, li kien gestjonat mill-imsemmi zewgha, li kien jinnegozja mas-socjeta’ attrici, liema Supermarket ilu maghluq madwar sentejn u li sa fejn taf l-esponenti ma kellu jati xejn lill-imsemmija socjeta’. Ghalhekk t-talba ghandha tigi michuda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol 8 ta’ l-atti li bih gie kjamat fil-kawza, Noel Genovese, ir-ragel tal-konvenuta.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut kjamat fil-kawza (fol 11 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett :-

Preliminarjament illi l-esponent m’ghandu jati xejn lis-socjeta’ attrici li hija obbligata tipprova li hija kreditrici tal-esponent.

Sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghall-ewwel eccezjoni kwalsiasi azzjoni tas-socjeta’ attrici kontrih hija preskritta a termini tal-Artiklu 2156 (f), 2168.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza taghha preleminari (fol 97 ibid) u li biha giet deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta mill-konvenut kjamat fil-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-“credit controller” tas-socjeta’ attrici <u>Marvin Sapiano</u> (fol 17 u fol 71 et sec ibid) spjega illi l-konvenuta u kjamat

fil-kawza kien jiggestixxi l-istabiliment "F and J Supermarket" u l-istess konvenuti kienu u ghadhom debituri tas-socjeta' attrici fis-somma specifikata fl-avviz in ezami u dan skond kif rizultanti mir-"records" tal-istess socjeta' attrici bejn l-1990 u l-1995 (ara fol 20 sa fol 57 ibid). In oltre l-istess xhud spjega, f'kazijiet bhal dak in desamina, minn jiggestixxi stabiliment kummercajli jew rapprezentanti tieghu jordna x-xoghol rikjest u l-ghada jew sa jumejn  wara li ssir tali ordni, ssir il-konsenja mid-"delivery man" u "min ikun fil-hanut jiffirma (l-"invoice" jew kopja taghha) li jkun ircieva x-xoghol". Dwar il-pagament li jidher li kien jsir "in a credit basis", darba fix-xahar, il-klijent kien jircievi "statement" dwar bilanc li jkun dovut. F'dan il-kaz, l-istess xhud kien issugerixxa lill-konvenuti sabiex jiltaqghu flimkien, jqabblu r-"records" rispettivi taghhom izda l-konvenut ma kienx mar ghall-laghqa suggerita "…… fuq parir ta' l-Avukat ……". Ta' minn isemmi illi l-istess xhud irrefera ghal fatt illi s-socjeta' attrici kienet itterminat l-impjieg ta' wiehed mis-"salesman" taghha, certu Christopher Cassar. Pero' dan kien estranew ghall-kaz in disamina.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 73 et sec ibid), waqt li spjegat illi ma kienetx involuta fix-xiri ta' merkanzija minghand is-socjeta' attrici, semmet illi meta l-istess socjeta' allegat li kien hemm ammont ghadu dovut mill-prezz ta' l-istess merkanzija, l-konvenuti kienu talbu l-fatturi relattivi li pero', ma kienux inghataw lilhom. Pero' zewgha, Noel Genovese, kien ha l-parti kollha, inkluzi l-fatturi "…..w qabluhom" u, skond ix-xhud, kien irrizulta li " ….. ma kellna naghtu xejn ……". Eventwalment wara li l-konvenuti kienu ghalqu l-hanut gestit minnhom u kien beda jahdem mas-socjeta' attrici Marvin Sapiano, huma kienu rcevew "…….. karti li kellna naghtuhom xi flus" u fit-tahditiet sussegwenti "…ma wasalna mkien" (ara fol 78 ibid). L-istess Noel Genovese (fol 80 u fol 103 et sec ibid) spjega li l-merkanzija kienet tinxtara " on a credit basis", bil-hlas isir lis-"salesman" ta' l-istess socjeta' attrici.  Ix-xhud semma li wiehed mis-"salesman" ("certu Chris jekk m'iniex zbaljat Grech") tas-socjeta' attrici kien "harbilhom" u

minnhabba hekk “bqajna mcappsin” u dan matul is-snin tmenin. Sussegwentament, meta kien ircieva xi “statements” li juru li kien hemm ammont dovut mill-konvenuti, hu kien iltaqa mal-“accountant” tas-socjeta’ attrici, sabiex jiddiskutu dan il-punt “ ….u l-“accountant” spicca biex jghidli li ma jistax jaqbad art” u li ghalhekk “….qatghali l-ammont allegatament dovut”. Eventwalment wara li l-hanut gestit mill-konvenuti kien inghalaq u fl-1995 kien ircieva ittra u nbdew dawn il-proceduri. Fl-ahhar nett, hu sostna li ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici, li da parti taghha qatt ma wrietu xi fattura li ma kienitx mhallsa minnu kif ukoll lanqas ma nghata xi numru ta’ fatturi li ma kienux mhallsa (ara ukoll fol 108 ta’ l-atti). Min oltre hu esebixxa l-“istatements” kollha li kienu fil-pussess tieghu. Minn dawn l-“istatements” jirrizulta li fl-ahhar “entry” li ggib id-data ta’ l-14 ta’ Lulju 1995, l-ammont hemm specifikat bhala “balance” jindika “0.000” (ara fol 86 ta’ l-atti). Wara li esebixxa l-istess “statements” redatti mill-istess socjeta’ attrici, hu sostna illi ”jien ma ghandi naghti xejn lis-socjeta’ attrici”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fis-sentenza, l-konvenuti qed jeccepixxu l-pagament effettiv ta’ l-ammont pretiz fl-avviz u dan stante l-oneru tal-prova fuq l-istess konvenuti.

Illi dan premess mill-provi prodotti minnhom hemm bizzejjed provi illi effetivament u fuq bazi ta’ <u>probabilita (aktarx iva milli le)</u>, l-ammont pretiz fl-avviz ma jistax jigi kkunsidrat bhala li hu dovut mill-konvenuti. Hawnhekk principalment issir referenza ghall-“statements” prodotti kemm mis-socjeta attrici u kemm mill-konvenut u li jindikaw b’mod ragonevoli tali konkluzjoni. Ghalhekk fic-cirkostanzi, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta. Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tichad it-talba attrici waqt li l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, fic-cirkostanzi ta’ l-istess kaz ghandhom jibqghu bla taxxa.”

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi, nonostante li l-konsiderazzjoni taghha hi korretta, il-

konkluzjoni hi wahda errata. Hi tikkontendi illi jekk l-ewwel Qorti fehmet illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tekwivali ghall-eccezzjoni tal-pagament allura l-konvenuti naqsu milli jiskarikaw l-oneru tal-prova tal-hlas. Tirritjeni ghalhekk illi fir-rifless mal-parti konsiderativa tas-sentenza l-konkluzjoni hi kontradittorja u zbaljata;

Jokkorri fl-ewwel lok illi jsiru certi osservazzjonijiet incidenti fuq il-punt tal-principju regolatur tal-provi:-

(1) In generali, u dan ighodd kemm ghall-attur kif ukoll ghall-konvenut, min jallega jrid jipprova. Dan ghaliex hu kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-prova li jimponi fuq il-kontendenti l-verifika u l-accertament tal-prova tal-fatti favorevoli ghat-tezijiet rispettivi taghhom. Hekk inhu fil-kaz tad-dritt azzjonat ("*actori incumbit probatio*") daqs kemm hu fil-kaz ta' l-eccezzjoni sollevata biex tikkuntrasta l-pretiza ta' l-attur ("*reus in excipiendo fit actor*");

(2) Tali prova trid tkun wahda adegwata, u fuq kollox konvincenti. In-nuqqas ta' prova bhal din tittraduci ruhha fi zvantagg a kariku ta' min fost il-litiskonsorti kien mghobbi bil-piz taghha. Dan ghaliex il-kwestjoni tithalla fi stat ta' incertezza fuq il-fatt allegat u din tirrizolvi ruhha f' dannu lil min kien hekk gravat li joffri c-certezza;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet ta' indoli generali, bir-rispett kollu din il-Qorti tibda biex tistqarr illi ma taqbelx ma' l-impostazzjoni li l-ewwel Qorti akkordat lill-materja quddiemha. Dan ghar-raguni illi, korrettement intiza, l-eccezzjoni sollevata ma kienetx wahda ta' allegat pagament imma li s-socjeta` attrici kellha tiddemostra illi, effettivament, u kif minnha allegat, hi kienet kreditrici tal-konvenuti. Fi kliem iehor, kien jispetta lis-socjeta` attrici appellanti li turi u tipprova, b' mod sodisfacenti u konklusiv, illi hi kienet tassew dak li skond id-dritt azzjonat minnha tafferma li kienet. Jigifieri li hi kienet kreditrici tal-konvenuti, debituri taghha;

Ghandu jkun ferm ragonevoli illi wiehed ma jistax jitkellem fuq l-inversjoni tal-provi qabel ma jkun gie dimostrat minn min jazzjona ghall-hlas illi hu verament it-titolar tal-kreditu minnu vantat. Biex jirnexxi f' dan il-prova tieghu riedet tkun wahda cara, konkreta u affidabbli. Jiddependi biss mis-success ta' tali prova illi l-oneru jghaddi fuq il-kontroparti biex dan jipprova fatti li l-qaghda hi diversa minn dik ta' l-avversarju;

Issa fil-kaz prezenti s-socjeta` attrici tikkampa t-tezi taghha ta' kreditrici fuq il-prova ta' l-estratt tas-*sales ledger* minnha esebit (fol. 20 sa fol. 57). Kif taraha din il-Qorti l-fatt ta' dan l-esebit ma johloq ebda presunzjoni tal-kreditu b' mod li tirrendi superfluwu l-prova li s-socjeta` appellanti kienet mistennija bhala l-parti gravata li ggib 'il quddiem ghall-konvinciment. Hu opportun li f' dan il-kuntest il-Qorti taghmel is-segwenti riljievi:-

(1) Ibda biex, ghat-tishih tal-fatt kontrovers is-*sales ledger ut sic* ma jiggustifikax l-inferenza presuntiva ta' l-ezistenza tal-kreditu jew li l-pagament tieghu ghadu hekk dovut. Is-sussistenza ta' dan il-fatt kellu jkun sorrett minn elementi indizzjarji gravi, precizi u konkordanti. Hekk kienu certament jaghmlu prova qawwija l-esebizzjoni tal-fatturi. Jekk xejn, ghaliex kif accettat ukoll mis-socjeta` attrici fir-rikors taghha a fol. 58 dawn kienu juru l-firma ta' min accetta l-merkanzija u ta' meta saret il-konsenja;

(2) Jidher in effetti illi anke ghall-ewwel Qorti dak il-*ledger* ma kienx fonti ta' konvinciment meta mqabbel ma' provi ohra in atti, senjatament certi *statements* ta' l-istess socjeta` attrici esebiti mill-konvenut Noel Genovese a fol. 83 u fol. 84 u li kienu jindikaw li l-ammont kien azzerat;

(3) Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti jidhrilha li l-konkluzjoni tas-sentenza appellata ma ghandhiex tigi disturbata. Dan ghaliex fil-kaz prezenti jezistu cirkustanzi li jgeghlu anke lil din il-Qorti tirritjeni li t-tezi ta' l-attur ma tistax tipprevali;

Dan affermat, issa anke kieku wiehed kellu ghall-grazzja ta' l-argoment jaccetta l-veduta illi l-eccezzjoni sollevata kellha tigi interpretata bhala wahda ta' difiza li l-kreditu kien saldat, tajjeb li jigi mfakkar dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran:-

"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe` l-attur, l-esigibilita`, u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor '*reus in excipiendo fit actor*', ghax jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza tibqa' fuqu. Altrimenti f' kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu". Tabilhaqq quddiem din il-proposizzjoni, guridikament korretta, tat-tematika m' hemmx x' wiehed izid jekk forsi mhux b' repitizzjoni tal-kliem tas-sentenza ta' l-Appell Kummercjali in re "**Genovese -vs- Bajada**", 10 ta' Gunju 1966 (inedita), dik jigifieri fejn gie ritenut illi "l-posizzjoni tad-debitur ma ghandhiex tigi maghmula izjed difficli minn dik li taghmilha l-ligi meta tesigi li l-prova tal-hlas tmiss lilu". Kif saput, tali prova tista' issir b' kull mezz (**Kollez. Vol. XXXV P III p 604**) u allura trasportat dan li appena nghad ghall-kaz in ispece, meta l-konvenuti werew bi *statements* emessi mill-istess socjeta` attrici li l-bilanc kien "nil" ghandu jitqies li dawn ghamlu l-prova li tmiss lilhom;

Minn dan kollu konsiderat, u mehuda fil-kumpless taghhom l-provi attendibbli, din il-Qorti hi perswasa li s-socjeta` appellanti ma pprovatx, ghallanqas b' mod tassew konvincenti, il-qaghda taghha ta' kreditrici jew li l-kreditu minnha reklamat ghadu hekk dovut mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u konsegwentement tikkonferma l-parti deciziva tas-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------